**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Marzu, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 1633/00JR**

**Vincent Cuschieri Limited**

**vs**

**Ashley Vella u b'degriet tad-9 ta' Jannar, 2001, il-kunjom "Vella" gie korrett ghal "Attard"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija tnejn u disghin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm192.10), prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess.**

**Bl-ispejjez inkluzi tlett liri (Lm3.00) ta' l-ittra legali tal-5 ta' Awissu u tmien liri u hamsin centezmu (Lm8.50) ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' April, 2000 u bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' April, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. John Laferla ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija tnejn u disghin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm192.10), bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' April, 2000, sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi tlett liri (Lm3.00) ta' l-ittra legali tal-5 ta' Awissu u tmien liri u hamsin centezmu (Lm8.50) ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' April, 2000 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**